TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 487/10

**Darren Bonello**

**vs**

**Mecca Enterprizes**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab l-ammont ta' mija u ħamsa u disgħin ewro (€195), rappreżentanti prezz ta' pool li wara tliet ijiem tqatta' ż-żipp ta' fuq u li dejjem jonqos l-ilma minnu.

L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *pool* mingħand id-ditta intimata u li wara xi ftit żmien li beda jużaha, innota li tqatta' ż-żipp ta' fuq u dejjem jonqos l-ilma minn ġol-*pool*, illi kien jidher li kellha xi *damage*.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi parti mill-*pool* li kien *visibly scratched and punctured* u li allura ma kienx it-tort tiegħu li ġara dak li ġara. Pero' s-soċjeta' intimata, mingħajr preġudizzju kienet lesta li ssewwiha.

Jidher illi kien hemm xi diżgwid bejn il-partijiet u għalhekk ma ssewwietx din il-*pool*.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-partijiet kellhom xi diżgwid u ma ssewwietx.

It-Tribunal jinnota li din il-ħsara setgħet faċilment ġiet risolta billi ssir din il-*patch*, u dan mingħajr ma jidħol xejn fil-kwistjoni ta' min hu t-tort jew le. Pero' jidher illi r-rikorrenti ħa attitudni ftit negattiva.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**